Ir-raba' nett, ir-regolament tat-28 ta' Settembru 2004 dwar speċi ta' annimali selvaġġi suġġetti għal ħarsien jawtorizza l-qtil jew il-qbid, *etc.*, tal-lontra komuni (Lutra Lutra) li tgħix fit-territorju ta' stabbilimenti għat-trobbija tal-ħut, minkejja li din hija speċi li għandha bżonn ħarsien mill-qrib skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE.

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-2 ta' Frar 2011 — Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö vs A Oy

**(Kawża C-48/11)**

(2011/C 103/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

### Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö

*Konvenuta:* A Oy

### Domandi preliminari

Skambju ta' azzjonijiet, fejn kumpannija b'responsabbiltà limitata Finlandiża tittrasferixxi lil kumpannija Norveġiża (bil-forma ġuridika ta' aksjeselskap) azzjonijiet li tippossjedi filwaqt li tirċievi mill-kumpannija Norveġiża azzjonijiet maħruġa minn din tal-aħħar, għandu jiġi ttrattat, għal finijiet ta' tassazzjoni, skont l-Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim ŻEE bl-istess mod newtrali bħallikieku l-iskambju ta' azzjonijiet kien jikkonċerna kumpanniji b'responsabbiltà limitata nazzjonali jew li jinsabu fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea?

---

## Appell ippreżentat fl-4 ta' Frar 2011 minn Fernando Marcelino Victoria Sánchez kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Novembru 2010 fil-Kawża T-61/10

**(Kawża C-52/11 P)**

(2011/C 103/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellant:* Fernando Marcelino Victoria Sánchez (rappreżentant: P. Suarez Plácido, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew u Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellant

— tannulla d-digriet tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali, tas-17 ta' Novembru 2010, filwaqt li tiddikjara li r-rikors għal nuqqas ta' teħid ta' azzjoni ippreżentat minn F. Victoria Sánchez huwa ammissibbli u mhux manifestament infondat, u tannulla l-kundanna għall-ispejjeż.

— tiddeċiedi konsewgwentement fuq il-mertu, jew, sussidjarjament, tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat u tirrinvijah quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni fuq il-mertu, u tikkundanna lill-istituzzjonijiet appellati għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant isostni l-aggravji li ġejjin:

(1) Ksur tal-Artikolu 44 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, peress li r-rikors promotur fih is-suġġett tal-kawża u sunt tar-raġunijiet imressqa, u, finalment, it-talbiet tal-appellant, magħmula b'mod ċar ħafna fir-rikors, kif ġej: "[t]iddikjara li n-nuqqas ta' tweġiba tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea għall-mistoqsija bil-miktub tas-6 ta' Ottubru 2009, imur kontra d-dritt Komunitarju u tordna lill-dawn l-istituzzjonijiet jirrmedjaw għal dan l-istat ta' fatt".

(2) Ksur tal-Artikolu 20(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (li qabel kien l-Artikoli 17 KE), tal-Artikolu 24 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 21 KE), tal-Artikolu 227 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 194 KE), flimkien mal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali ksur huwa fir-rigward tal-petizzjoni li F. Victoria Sánchez bagħat lill-Parlament Ewropew fl-2008, fejn kien ġibed l-attenzjoni ta' tali istituzzjoni fuq ir-riskju li għandu ċittadin Spanjol li jazzarda jirrapporta l-korruzzjoni politika u l-evażjoni tat-taxxa f'dan l-Istat Membru. Mehmuż mal-petizzjoni lill-Parlament intbagħat kuntratt iffirmat minn personalitajiet importanti ta' pajjiżu — fosthom avukat li ismu huwa sinonimu għall-ikbar ditta ta' avukati fi Spanja u fil-Portugall — li fih hemm spjegat kif dawn il-persuni kienu jevadu t-taxxa u jiffrodaw il-komunità permezz ta' kumpanniji fittizji u suspettużi fil-konfront tal-Istat. Il-petizzjoni kienet arkivjata mingħajr ebda azzjoni u l-ebda membru tal-Parlament Ewropew Spanjol ma wieġeb għat-talbiet suċċessivi għal appoġġ magħmula mill-appellant — permezz ta' 10 messaġġi bil-posta elettronika — li fihom talab il-kooperazzjoni tar-rappreżentanti tiegħu sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tiegħu quddiem it-theddid li rċieva.

(3) Ksur tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 6 TUE, u fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mill-istituzzjonijiet appellati, sa fejn l-inattività tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ittra mibgħuta fis-6 ta' Ottubru 2009, tikkostitwixxi ksur serju tal-Artikolu 6 TUE, peress li tali istituzzjoni għandha tipprovdi spazju demokratiku ta' għajxien flimkien għaċ-ċittadini Ewropej kollha, għandha tirrispetta l-aċċess ugwali taċ-ċittadini għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha tiżgura protezzjoni legali effettiva, sakemm l-evażjoni tat-taxxa ma tikkostitwixxix fatt li fuqu għandha tiddeċiedi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tqis il-persuna taxxabbli bħala affettwat indirettament. L-appellant jenfasizza wkoll l-inċertezza legali tad-dritt Komunitarju kkawżata minn numru ta'

sentenzi tal-qrati Spanjoli li injoraw it-twissijiet tar-rappreżentanti legali tal-appellant sabiex tiġi osservata l-leġiżlazzjoni Ewropea, b'mod partikolari b'riferiment għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġuistizzja Ewropea fil-Kawżi C-570/07 u C-571/07 [1], dwar il-libertà ta' stabbiliment ta' spiżeriji fi Spanja.

(4) Ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 265 u 266 TFUE, sa fejn li r-rikors promotur quddiem il-Qorti Ġenerali, kienet intiża sabiex jiġi ddikjarat li l-inattività tal-Parlament u tal-Kummissjoni li jwieġbu għall-petizzjoni magħmula fis-6 ta' Ottubru 2009 hija kuntrarja għad-dritt Komunitarju u li tali istituzzjonijiet jintalbu jirrimedjaw, u dan *ex-lege* skont l-Artikolu 266 TFUE, li jgħid li l-korp li l-att tiegħu ikun ġie ddikjrat null jew li n-nuqqas tiegħu li jaġixxi tkun ġiet iddikjarata li hija kontra t-trattati, huwa obbligat li jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jeżeġwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'din il-kawża sabiex jingħata rimedju għan-nuqqas li jaġixxu billi jirrispondu għall-petizzjoni magħmula permezz ta' ittra tas-6 ta' Ottubru 2009.

[1] Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.